MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 398/2007

**Emanuel Grech**

**Vs**

**Lorianne Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit-2 ta` Mejju, tas-sena 2007 fejn l-attur qed jitlob sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta` Lm245.07c, rapprezentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-fond 12A, Samares Court, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, ghal perjodu meta dan il-fond kien mikri ghand l-istess konvenuta.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ezamina d-dokumenti ezebiti u kif ukoll sema` x-xhieda ta` l-attur li bil-gurament tieghu kkonferma illi l-ammont li kien qed jippretendi minghand il-konvenuta kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi ma kien sar ebda pagament mid-data tal-prezentata tal-kawza sa llum.

Ra wkoll illi l-konvenuta baqghet ma deheritx u ghalhekk wisq anqas tat ix-xhieda taghha in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi l-kawza kienet giet differita ghas-seduta ta` llum ghal provi kollha tal-partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta sabiex thallsu s-somma mitluba ta` €575.50c qabel ekwivalenti ghal Lm245.07c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------